



# Doqqu Qniepen Kbar u Żgħar, Għall-Festa Tagħna, tat-Titular

Cleavon Vella

Mal-miġja tal-Kappillan Dun Reuben Deguara, il-Parroċċa Arċi-Matriċi ta' Ħal Tarxien imbarkat fuq għadd ġmielu ta' proġetti ta' restawr u konservazzjoni. F'temp ta' sena l-Parroċċa daħlet bis-sħiħ għal erba' proġetti kbar li kienet ilha tinħass il-ħtieġa għalihom fil-Knisja Parrokkjali.

**Restawr kontinwu**

Ewlenin fosthom hemm il-konservazzjoni tal-lanterna tal-koppla tal-Knisja li teħtieġ intervent professjonali u mmedjat biex ikun evitat li ssir aktar ħsara. Grazzi għall-ġenerożita' kbira tat-Tarxiniżi nġabret is-somma sabiħa ta' madwar €46,500 meħtieġa għall-proġett. Fadal issa li l-awtoritajiet konċernati joħorġu l-permessi meħtieġa biex ix-xogħol ikun jista' jinbeda minnufih.

Barra minn hekk fl-ewwel ġimgħat ta' Frar, din is-sena ntrama "scaffolding" ma' waħda miż-żewġ pitturi laterali li Giuzeppe Calì pitter fil-kor tal-Knisja Parrokkjali, dik li turi l-Adorazzjoni tal-Magi (1895). Dan ix-xogħol taż-żejt, li Calì pitter direttament fuq il-ġebla, kien restawrat b'reqqa kbira u issa jista' jkun ammirat f'dawn il-jiem tal-festa. Hekk kif tgħaddi l-festa mistenni li jinbeda x-xogħol fuq il-pittura l-oħra li turi "Il-Ħarba lejn l-Eġittu" (1895).

Intant wara l-Milied inbeda x-xogħol ta' tiswija estensiva fuq id-damask kollu tal-Knisja Parrokkjali biex dan jibqa' jitgawda, sa fejn hu possibbli, mill-ġenerazzjonijiet futuri.

**Ir-restawr tal-qniepen**

Fost l-aktar restawr imminenti bla dubju ta' xejn kien dak li sar fuq il-qniepen tal-Parroċċa. Dawn il-qniepen, wara ħafna snin jindaqqu għall-glorja ta' Alla u biex isejħu lill-fidili skond il-liturġija, kienu fil-periklu li jinqasmu jew jitħaffru minn ġewwa.

Ix-xogħol inbeda minnufih. Issejjaħ il-kampanoloġista Kenneth Cauchi li mexxa grupp ta' voluntiera fir-restawr u t-tiswija tal-qniepen kollha, b'mod partikolari fuq żewġ qniepen tas-seklu 19, xogħol il-funditur Ġulju Cauchi.

L-istruzzjonijiet kienu ċari daqs il-kristall. Il-qniepen kollha kellhom jieqfu milli jkomplu jindaqqu għax inkella kienet ser issirilhom ħafna ħsara. Il-poplu għamel sagrifiċċju u għadda diversi festi bla ma' l-qniepen semmgħu leħinhom; la fil-Milied, la fil-Glorja tal-Vġili tal-Għid, la fl-Għid il-Kbir u wisq anqas fil-Festa Liturġika ta' Marija Annunzjata li din is-sena kienet trasferita għal 31 ta' Marzu.

**Il-kampnari**

Il-Knisja Parrokkjali tal-Lunzjata f'Ħal Tarxien hi l-ewwel Knisja Parrokkjali f'Malta li kienet mogħnija b'żewġ kampnari fil-faċċata tagħha, l-istess kampnari li għad hemm illum. Il-Knisja bdiet tinbena fl-1610 u allura l-kampnari tal-Parroċċa Tarxiniża huma l-eqdem kampnari parrokkjali li għandna f'pajjiżna.

Għall-ħabta ta' l-1750 il-Knisja Parrokkjali għaddiet minn tibdil strutturali b'tali mod li l-faċċata nħarġet 'il barra bmadwar għaxar piedi, biex tkun tista' tiġi absiddata minn ġewwa (fejn hemm il-gallarija ta' l-orgni). Aktarx li l-proġett tal-faċċata 'l-ġdida' kien se jwassal biex iż-żewġ kampnari jinbidlu huma wkoll iżda, għal xi raġuni mhux magħrufa tħallew kif kienu.

Fil-fatt, ħarsa ħafifa lejn il-faċċata tal-Knisja llum turina evidenza strutturali ta' madwar żewġ filati fuq iz-zokklatura fuq il-bibien fil-ġnub tal-faċċata. Dawn l-istess filati aktarx kienu se jkomplu telgħin 'il fuq u jiffurmaw kampnari ġodda, jew jgħattu l-kampnari l-qodma. Għal xi raġuni iżda, ix-xogħol twaqqaf u laħqu tgħattew żewġ niċeċ li kienu jżejnu l-kampnari u li fihom





kien hemm il-figuri tal-Verġni Marija fuq ix-xellug u ta' l-Arkanġlu Gabriel fuq il-lemin. Illum fadal biss l-arkati ta' dawn iż-żewġ niċeċ u l-istatwa tal-Madonna li tpoġġiet f'niċċa li żżejjen il-faċċata 'l-ġdida' tal-Knisja.
Minn dak iż-żmien 'l hawn il-kampnari qatt ma ntmissew ħlief għall-bdil tal-balavostri tagħhom f'perjodi differenti. Dan wassal biex fis-snin sebgħin, fi żmien il-parrokat ta' Dun Edgar Attard (illum Monsinjur) il-kampnari kienu restawrati fi proġett ta' konservazzjoni estensiva tant li l-piramidi ta' fuqhom inħattu u reġgħu nbnew mill-ġdid. Dawn il-piramidi wkoll huma evidenza tal-qedem tal-kampnari Tarxiniżi, għax huma ta' l-istess stil u linja bħal dawk tal-Knisja Konventwali (illum Kon-Katidral) ta' San Ġwann il-Battista fil-Belt. Skond Rafel Bonniċi Calì kien hemm min li ssuġġerixxa li dawn il-piramidi jinbidlu u flokhom jinbnew żewġ stutturi aktar barokki, simil għall-kampnari tal-Knisja Parrokkjali tas-Ssmu. Salvatur f'Ħal-Lija, il-Bażilika Elenjana f'Birkirkara u l-Katidral Metropolità fl-Imdina.

**Il-qniepen tal-Parroċċa** - Il-Knisja Parrokkjali tal-Lunzjata hi mogħnija b'sett ta' seba' qniepen fiż-żewġ kampnari tagħha.

**'Il-Fustanija'** - L-eqdem waħda tmur lura għall-1673 fi żmien il-ħames kappillan tal-Parroċċa Dun Mario Axisa. Din il-qanpiena llum hi magħrufa bħala 'l-fustanija' u tintuża għall-arloġġ tal-Knisja.

**'Iż-Żgħira'** - Qanpiena oħra antika ġġib is-sena 1754. Aktarx li din inxtrat mill-Knisja ta' San Filep t'Aġira f'Ħaż-Żebbuġ fi żmien il-kappillan Dun Tumas Ċirillu Formosa. Din il-qanpiena għaddiet minn tiswija wkoll qabel ir-restawr li sar din is-sena, meta f'April 1960 il-Kappillan Dun Anton Rapa bagħatha t-Tarzna biex tissewwa wara li kienet ixxaqqet.

**'Il-Kbira l-Qadima'** - Fl-1754 saret l-ewwel qanpiena 'kbira' għall-Knisja Parrokkjali. Din tħallset minn Dun Anton Barbara, mill-familja mlaqqma 'ta' Gana', familja għanja u benefattriċi tal-Knisja Parrokkjali u li kellhom dar kbira fuq in-naħa tax-xellug tal-Knisja Parrokkjali f'Misraħ ir-Repubblika.Dun Anton kien ħalla 1,500 skud biex issir din il-qanpiena f'mewtu fl-1746. Tiżen 16-il qantar u 76 ratal b'diametru ta' 1.05 metru. Il-'kbira l-qadima' kienet ikkonsagrata fis-7 ta' Marzu 1746 mill-Isqof Alpheran de Bussan u għandha t-ton tan-nota mużikali FA.

**'Il-Kbira'** - Il-qanpiena mħallsa minn Dun Anton Barbara baqgħet l-akbar waħda għal madwar 130 sena peress li saret qanpiena akbar fi żmien il-parrokat ta' Dun Franġisk Feliċ Attard megħjun minn Dun Franġisk Mangion. Din saret mill-funditur Ġulju Cauchi u fost ix-xbihat raffigurati fuqha hemm il-Lunzjata, San Ġużepp u kif ukoll dik tal-Papa Ljun XIII fl-1887, li kien ordnat saċerdot 50 sena qabel nhar il-31 ta' Diċembru 1837. Skond Vincent Battistino din il-qanpiena saret wara li ż-Żwieten għamlu qanpiena ġdida u kienu jinku lit-Tarxiniżi dwarha. Tiżen 30 qantar u 38 ratal b'diametru ta' 1.605 metru u għolja 2.4 metri sa fuq il-kuruna tagħha. 'Leonida' qamet 4,230 skud u kienet ikkonsagrata fit-18 ta' Diċembru 1887 mill-Isqof Awżiljarju Antonio Buhagiar.

**'L-Għawdxija'** - Qanpiena oħra li saret fil-funderija ta' Ġulju Cauchi waslet Ħal Tarxien fl-1939. Tiżen 21 qantar u 8 artal u għandha diametru ta' 1.265 metru. L-oriġini tagħha iżda ma' kienetx għall-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien. Fil-fatt kienet saret fl-1891 għall-Knisja ta' Santa Margerita tas-Sannat, tant li fuqha jinsabu raffigurati l-istess qaddisa u l-Madonna tas-Sacro Cuor. Oriġinarjament kienet ikkonsagrata mill-Isqof ta' Għawdex Giovanni Maria Camilleri fit-13 ta' Settembru 1891. Jirriżulta iżda, li l-Knisja tas-Sannat fl-1933 kellha bżonn il-finanzi biex tagħmel tajjeb għal xi paviment ġdid. Il-prokuratur tal-Knisja ta' Ħal Tarxien Dun Mikiel Vella kien



mgħarraf b'dan u bagħat lil Mro Joseph Casapinta, Maestro di Cappella f'Ħal Tarxien, f'Għawdex biex jara t-tonalità ta' din il-qanpiena. Sab li għandha t-ton tan-nota mużikali RE u ra li din kienet taqbel f'armonija maż-żewġ qniepen il-kbar. Għalhekk kien deċiż li l-qanpiena tinxtara għal 100 lira u tħallset kapparra ta' 5 liri. Ġara iżda li l-Kurja Veskovili ta' Għawdex ma' riditx li l-qanpiena tħalli Għawdex. L-Isqof ta' Għawdex Mons. Mikiel Gonzi ma' ridtx li din titlaq Għawdex minkejja l-ftehim li kien intlaħaq bejn il-Prokuratur Dun Mikiel Vella u Dun Ġużepp Cassar f'isem Santa Margerita tas-Sannat. Dawn l-intoppi wasslu lill-Parroċċa tagħna biex tagħmel protest fil-Kurja Veskovili ta' Malta. Għaddew tlett snin u fl-1939 kien deċiż li ma' jsir ebda daqq ta' qniepen waqt il-purċissjoni ta' San Girgor li kienet tgħaddi minn Ħal Tarxien u li fiha kienu jieħdu sehem l-Isqof u l-Kapitlu tal-Katidral, il-Komunitajiet Reliġjużi u l-Parroċċi kollha ta' Malta u l-Fratellanzi tagħhom. Dan jidher li urta bil-kbir lill-awtoritajiet Ekkleżjastiċi tant li 'l-Għawdxija' intbagħtet Ħal Tarxien ftit ġimgħat wara fost ferħ u festa kbira mit-Tarxiniżi. Issemmiet mill-ġdid 'Mikelina' għal San Mikiel, isem il-prokuratur Dun Mikiel Vella li tħabat mhux ħażin sakemm din l-imbierka 'Għawdxija' waslet fostna u telgħet fil-kampnar tax-xellug.

**'Pawlina' u 'Ġużeppina'** - L-Isqof ta' Għawdex Mikiel Gonzi, li ma riedx li 'l-Għawdxija' tasal Ħal Tarxien, aktar tard fl-1943 nħatar Arċisqof ta' Malta u kellu jkun hu li jikkonsagra żewġ qniepen oħra iżgħar fis-27 ta' Marzu 1960. Dawn kienu 'Pawlina', li ssemmiet hekk fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina u 'Ġużeppina' għal San Ġużepp. Saru Milan fil-funderija Barigozzi. 'Pawlina' tiżen 5 qnatar u għandha t-ton tan-nota mużikali LA, waqt li 'Ġużeppina' tiżen 3 qnatar u għandha t-ton tan-nota mużikali DO. Fuqhom jidhru x-xbihat ta' San Pawl u ta' San Ġużepp rispettivament. Dawn il-qniepen aktarx li ħadu post qanpiena eqdem, donazzjoni tal-familja Azzoppardi, li ddewbet biex setgħu jsiru dawn iż-żewġ qniepen.

**Doqqu doqqu, qniepen doqqu**

L-għaqal tar-restawraturi u l-bżulija tal-voluntiera li għenuhom taw il-frott. Issa l-qniepen kollha kienu restawrati biex jibqgħu jitgawdew mill-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Wara sena sħiħa ta' battikati u xogħol ma jaqta' xejn minn kmieni filgħodu sa tard filgħaxija, f'ċertu każi anke fil-Ħdud u l-festi, se nkunu nistgħu nerġgħu nisimgħu s-seba' qniepen tagħna jsemmgħu leħinhom għall-Glorja ta' Alla u t-tifħir tal-Verġni Marija nhar il-festa tal-Lunzjata. Bir-raġun li fost it-taqbiliet li għalihom hu magħruf ir-raħal tagħna waqt il-purċissjoni nhar il-festa filgħaxija se toħroġ wisq aktar mill-qalb:

*"Doqqu doqqu, qniepen doqqu,*
*Doqqu doqqu, kbar u żgħar*
*Għax illum il-festa tagħna,*
*Il-festa tat-Titular!"*

***Referenzi***

Battistino Vincent, *Ħal Tarxien*, 1993
Bezzina Joseph, *Sannat fi Ġrajjiet Għawdex*, 1989
Borg Vincent, *Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien*, 1973
Ħajr ukoll lis-Sur Joe Debono ta' tagħrif ieħor siewi